**4 ta' Novembru, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D**

Lourdes u Nazzareno Camilleri

*versus*

Nazzareno *sive* Reno Bonello

## Appalt - Mastrudaxxa - Xogħol ta'

*L-atturi aġixxew għal dikjarazzjoni illi x-xogħolijiet ta' injam konsegwenti għal appalt minnhom mogħti lill-konvenut kienu difettużi, talba kundanna jirranġa x-xogħolijiet.*

*L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi. Minn eżami tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi ċertu xogħlijiet setgħu isiru u jiġu kompletati. Irriformat is-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-konvenut li jesegwixxi u jikkompleta dawk ix-xogħljiet li kien għadu ma lestiex u kkonfermatha in kwantu ordnat lill-konvenut jirranġa xi xogħlijiet.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-atturi wara li ppremettew li *in forza* ta' ftehim, il-konvenut obbliga ruħu favur l-atturi li jesegwixxi xogħol ta' l-injam konsistenti f'bibien, twieqi, balavostri, mejda, *sideboard* u siġġijiet għall-fond "*Dahlia", N/S off Mill Street*, Żebbuġ, propjetà ta' l-istess atturi; u billi l-konvenut sal-lum esegwixxa biss parti mill-istes xogħlijiet, fil-waqt li baqgħalu jesegwixxi diversi xogħlijiet oħra, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi, *inoltre* partijiet mix-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenut huma difettużi u mhux skond l-arti u s-sengħa; u billi wkoll, *nonostante* diversi talbiet *da parte* ta' l-atturi, il-konvenut baqa' inadempjenti u naqas milli jirranġa

skond l-arti u s-sengħa x-xogħlijiet ta' l-injam difettużi minnu sal-lum eżegwiti u *inoltre* naqas milli jikkompleta x-xogħlijiet l-oħra; l-istess atturi talbu għar-raġunijiet fuq premessi (1) jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti, *okkorendo* permezz ta' periti *nominandi*, illi uħud mix-xogħlijiet ta' l-injam eżegwiti mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-atturi, u speċifikament dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, huma difettużi u mhux skond l-arti u s-sengħa, u *inoltre* illi diversi xogħlijiet oħra fost dawk miftehma, li wkoll jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża għadhom sal-lum inkompletati; (2) il-konvenut jiġi kkundannat minn dik il-Qorti fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss għal tali skop, jirranġa x-xogħlijiet difettużi minnu sal-lum eżegwiti u jikkompleta dawk ix-xogħlijiet l-oħra li huwa ħalla sal-lum inkompletati, *okkorrendo* bl-operat ta' periti *nominandi*; (3) li fin-nuqqas ta' esekuzzjoni volontarja *da parti* tal-konvenut fit-terminu lilu hekk prefiss, l-attur jiġi awtorizzat jeżegwixxi huwa nnifsu l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni ta' l-istess periti *nominandi*; Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorju ta' l-1 ta' Ottubru, 1980, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx eżattament dak indikat fiċ-ċitazzjoni billi l-konvenut fil-waqt li kkonkluda ftehim għal ċertu xogħol ta' injam fil-fatt ma kkonkludiex ftehim dwar xogħol ieħor imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Illi a rigward tax-xogħol ta' injam li huwa inkariga ruħu li jagħmel il-konvenut isostni li għad fadallu biss jaħdem is-*sideboard* u xi xogħol ieħor żgħir konness mat-tieqa;

Illi x-xogħol li wettaq il-konvenut sar skond l-arti u s-sengħa u hekk kif miftiehem ma' l-attur fuq disinni li huwa prokuralu;

Illi d-dewmien u n-nuqqas ta' adempjiment ta' l-obbligi tal-konvenut huma kollha tort ta' l-attur li adotta attitudni inġurjuża u minaċċjuża fil-kontront tal-konvenut u l-impjegati tiegħu li rrendew impossibbli t-tkomplija tax-xogħol;

Illi għalhekk, fil-waqt li l-konvenut lest li jagħmel ix-xogħol kollu miftiehem *purchè* l-attur jieqaf mit-tgħajjir u t-theddid tiegħu, jirrespinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet l-oħra ta' l-attur u jitlob li t-talbiet attriċi jiġu miċħuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-14 ta' April, 1980 li bih ġie nominat Dr. Paul Lia biex bl-assistenza ta' Mark Arcidiacono ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u biex jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat illi l-periti ħalfu ir-relazzjoni tagħhom fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 1982, quddiem l-Ewwel Qorti;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbili Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

tat-8 ta' Diċembru, 1983 li biha iddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet l-ewwel domanda ta' l-atturi, laqgħet wkoll it-tieni u t-tielet domanda ta' l-atturi fil-konfront biss tax-xogħlijiet indikati bin-numri 2, 3, u 5 a fol. 51 tal-proċess u ċjoè fil-konfront tal-bieb ta' barra ta' l-'*eroco*', tas-*side window* ta' l-'*eroco*' u tas-*side window* ta' fuq, liema xogħlijiet għandhom jiġu irranġati u kompletati skond l-arti u s-sengħa taħt id-direzzjoni tal-perit tekniku Mark Arcidiacono li ġie għaldaqstant nominat u għall-finijiet tat-tieni talba ipprefiġiet lill-konvenut......;

*Omissis;*

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi jitħallsu kwantu għall-tliet kwarti (3/4) mill-konvenut u kwantu għar-rimanenti kwart (1/4) mill-atturi u dan wara li kkunsidrat:

Illi jidher pruvat illi l-konvenut intrabat li jagħmel lill-atturi ix-xogħlijiet ta' l-injam indikati fil-paragrafu l (a fol. 51) tar-relazzjoni bil-kambjamenti sussegwenti indikati fit-2 paragrafu ta' l-istess relazzjoni (a fol. 52). Jidher ukoll li l-prezzijiet kienu, kif indikati mill-perit legali fl-istess żewġ paragrafi;

Irriżulta illi l-partiti indikati hemm bin-numri 1, 4, 6, 8, u parti mis-7 (u ċjoè 5 bibien tal-kewba mastizz, bieb ta' fuq, 3 *flash doors* tal-kewba mastizz, xi balavostri tal-5" b' 5" u żewġ biċċiet mill-kamra ta' l-ikel tal-*peach pine*) il-konvenut ma lesta u kkonsenja xejn minnhom lill-atturi;

Irriżulta wkoll li l-kumplament tas-7 parti (ċjoè is-siġġijiet tal-mejda tonda) tlestew mill-konvenut (anżi flok 4 siġġijiet

għamel 6 siġġijiet) u dawn ġew konsenjati lill-atturi li aċċettawhom u ma ressqu ebda ilment dwarhom;

Irriżulta wkoll illi l-partiti indikati bin-numri 2, 3, u 5 u ċjoè il-bieb ta' barra u is-*side window* tal-'*eroco*' u *side-window* ta' fuq tlestew mill-konvenut però dawn ġew dikjarati mill-perit tekniku Mark Arcidiacono li kien għad jonqoshom il-lostru u kienu juru xogħol ta' kwalità fqira, għax il-prezzijiet ikkwotati mill-konvenut kienu irħas, ikkonkluda l-istess perit li l-konvenut "ma kienx ta' prattika u sengħa, u l-prezzijiet miftehma saru għall-xogħol fqir" (ara fol. 63);

Ikkunsidrat:

Illi mis-*suepost* jidher li l-konvenut ma mexxilux isostni l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu. Però mill-banda l-oħra jidher li l-atturi ma ġabux provi suffiċjenti biex jissostanzjaw sodisfaċentement l-aħħar żewġ talbiet tagħhom **in kwantu biss** jolqtu ix-xogħolijiet imsemmija li l-konvenut ma lesta u kkonsenja xejn minnhom lill-atturi. Infatti, dwar dawn ma irriżultax la il-qisien, la id-disinji u l-anqas dettalji oħra li jindikaw kif kellha issir preċiżament l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet. Hekk per eżempju, ma ġiex stabbilit mill-proċess jekk il-bibien tal-kewba mastizz kellhom isiru b'żewġ tebqiet jew b'tebqa waħda, ma rriżultax kif kellhom ikunu id-disinji tal-panewijiet, il-ħxuna tal-materjal u dettalji oħra li mingħajrhom żgur ma tistax issir l-esekuzzjoni ta' l-istess bibien. L-istess konsiderazzjoni tista' ssir pereżempju fil-konfront ta' l-oġġetti tal-kamra ta' l-ikel tal-*peach pine* li l-konvenut ma lestiex. Ġie pruvat li l-konvenut jonqsu jlesti "żewġ biċċiet" oħra, però, l-ebda dettal ma ingħata dwar kif dawn il-biċċiet ta' l-għamara kellhom, fil-fatt, jiġu esegwiti. Evidentement, f'ċirkostanzi bħal

dawn il-Qorti ma tkunx f'pożizzjoni li tagħti sentenza li tkun tista' tiġi esegwita b'mod univoku u ċert kif jiddisponi l-artikolu 220 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat a fol. 15 in-nota ta' l-appell ta' l-atturi Lourdes u Nazzarenu konjuġi Camilleri u a fol. 17 sa il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu bir-rispett li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn laqgħet id-domandi attriċi, tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tagħhom għar-rigward tax-xogħlijiet l-oħrajn li kellu jagħmel il-konvenut u minflok tilqa' l-istess talbiet bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li biha eċċepixxa illi:

(1) s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma stante li kif dejjem sostna ma kien għad fadallu ebda xogħol x'jikkonsenja lill-atturi ħlief xi *sideboard*;

(2) L-atturi qatt ma taw dettalji, qisien jew disinji dwar ix-xogħol li skond huma fadallu jaħdem il-konvenut u għalhekk ma saret l-ebda prova dwar id-dettalji, qisien u disinji ta' l-istess xogħol;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħu t-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fi ftit kliem dak li *inter alia* qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti hu li l-konvenut appellat ma jistax jiġi ordnat jeżegwixxi

x-xogħol segwenti:

1) 5 bibien tal-kewba mastizz bil-prezz ta' Lm60 il-wieħed;

2) bieb ta' fuq bil-prezz ta' Lm65;

3) 3 *flash doors* tal-kewba mastizz bil-prezz ta' Lm60 il-wieħed;

4) żewġ biċċiet tal-kamra ta' l-ikel;

5) balavostri tal-5" b' 5" bil-prezz ta' Lm10 - 15 il-waħda;

Illi wara li fliet sew il-proċess din il-Qorti tirreleva li fir-rigward tan-nuqqas ta' konsenja ta' dan ix-xogħol l-konvenut ġab kull skuża barra li ma kienx jaf il-qisien, id-disinn jew dettalji oħra;

Infatti skond ix-xhieda ta' l-istess konvenut ir-raġunijiet għall-mankata konsenja huma kif ġej u ċjoè:

1) fir-riqward tal-5 bibien tal-kewba il-partijiet ma jaqblux dwar il-qsim tal-panewijiet billi l-atturi ippretendew mod u l-konvenut ried akter flus biex jissodisfahom. Billi ma sarx ftehim dawn baqgħu ma sarux. Baqgħu jinsistu li d-disinn kien inkluż fil-prezz u l-perit legali qabel ma dan;

2) Dwar il-bieb ta' fuq, dan kien bdiehulu u peress li "nqala l-inkwiet" ma kienx komplihulu;

3) Dwar it-tlett *flash doors,* l-atturi jsostnu li aċċetaw iż-żieda;

4) Dwar iż-żewġ biċċiet tal-kamra ta' l-ikel ma kienx lestihom għax inqala' l-inkwiet;

5) Dwar il-balavostri sostna l-istess allavolja fid-dikjarazzjoni tiegħu a fol. 6 sostna skuża oħra u ċjoè li ma kienx hemm qbil fuq prezz;

Illi wara li qieset sewwa il-provi din il-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ mhumiex tali li jiġġustifikaw il-mod kif l-Ewwel Qorti iddisponiet mit-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi. Infatti *partendo* mill-presunzjoni li l-atturi kienu jafu x'qed jordnaw u l-konvenut jaf sew x'jridu ma hemm xejn x'jiġġustifika li x-xogħol mhux lest ma jitlestiex skond l-ordni u kif titlob s-sengħa. L-unika diffikultà li tista' tinqala' tirrigwarda il-ħames bibien tal-kewba mastizza in kwantu jidhru li l-kwistjoni tal-panewijiet wasslet għal disgwid serju bejn il-partijiet. Però din il-Qorti wara li ġiebet il-provi taqbel mal-perit legali li d-disinn kien inkluż fil-prezz altrimenti kienu jsiru r-riservi li soltu jsiru. Fi ftit kliem ma tarax din il-Qorti li hemm diffikultajiet dwar ix-xogħol li baqa' jsir. Il-konvenut jaf sew x'ordni saret, l-atturi jafu x'ordnaw u x-xogħol għandu jsir skond il-ftehim u konsiderazzjonijiet ta' disinn, qisien mgħandhomx ikunu ta' ostakulu għax is-sitwazzjoni hi eżatt kif kienet meta saret l-ordni. Tant kien jaf x'riedu l-atturi l-konvenut, li kif jirriżulta mid-dokumenti A, B u C a fol. 18, 19 u 20 tal-proċess l-istess konvenut għamlilhom stima ta' l-oġġetti ordnati u fuq kull ordni irċieva depositu ta' Lm100. Dan hu manifestament inkonsistenti ma dak li jgħid il-konvenut fir-risposta tiegħu ta' l-appell li l-atturi "qatt ma taw dettalji, qisien jew disinji dwar ix-xogħol li skond huma fadallu jaħdem". Wieħed neċessarjament jistgħaġeb kif xi ħadd jista' jagħti stima ta' xi ħaġa li dwarha ma għandhom l-ebda dettalji,

qisien jew disinji;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' l-appell u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha f'din il-parti fejn laqgħet it-talbiet attriċi, tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet attriċi għar-rigward tax-xogħlijiet l-oħrajn li kellu jagħmel il-konvenut u minflok tilqa' *in toto* l-imsemmija tieni u tielet talba ta' l-atturi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut appellat jesegwixxi u jikkompleta x-xogħlijiet l-oħra li għadu ma ikkompletax, ċjoè dawk l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 26 (fol. 59/60) tar-relazzjoni peritali bil-prezzijiet miftehma kif ġa indikat l-ewwel parti tal-konsiderandi ta' din il-Qorti u dan fi żmien erba (4) xhur mid-data ta' din is-sentenza u taħt id-direzzjoni tal-perit tekniku Mark Arcidiacono li qiegħed jiġi nominat għal dan l-iskop. Fil-każ li l-konvenut iħalli dan iż-żmien ta' erba (4) xhur jgħaddi inutilment, l-atturi appellanti qegħdin jiġu awtorizzati jagħmlu dawn ix-xogħlijiet band'oħra, dejjem taħt id-direzzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku a spejjeż tal-konvenut fis-sens li l-istess jkun obbligat jirrifondi lill-atturi d-depożitu relattiv fejn u kif applikabbli u iħallas kull bilanċ fil-prezz li l-atturi jistgħu jinkorru fih, ċjoè id-differenza fil-prezz li attwalment inkorrew fiha l-atturi u l-prezz oriġinarjament miftiehem mal-konvenut skond l-istimi eżebiti. B'dan però, li din l-awtorizzazzjoni tapplika biss sakemm ma jkunx hemm żieda fil-prezz imħallsa f'xi differenzi fil-materjal, fid-daqs, fil-kwantità u fid-disinn kif ordnati mill-atturi u aċċettat mill-konvenut. L-ispejjeż kollha inkluża dawk ta' l-ewwel istanzi ikunu a karika tal-konvenut appellat.